**27 ta' Jannar 1967.**

***Imħallfin:—***

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Caterina Gerada

*versus*

Dr. Joseph Caruana

**Kompetenza — Appell — Qorti tal-Kunsill Privat tal-Maesta Tagħha r-Reġina — Esekuzzjoni ta' Sentenza.**

*Il-Qorti tal-Appell hi kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża miġjuba mill-attriċi permezz ta' ċitazzjoni kontra l-konvenut quddiem dina l-Qorti sa biex jiġi kkundannat iħallasha lis-spejjeż lilha dovuti u mill-Kunsill Privat tal-Maesta Tagħha r-Reġina akkollati lil persuna għal-liema hu kien daħal bħala garanti. Dina t-talba tifforma parti mill-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Kunsill Privat u bħala tali taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Appell.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni ta' Caterina mart l-Ispiżjar Onorato Gerada minnu assistita u għal bżonn ta' l-istess Onorato Gerada bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti — kontra t-Tabib Dottor Joseph Caruana B.Sc., M.D., li biha, — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha li għalihom ikun hemm lok; u pre-

mess illi l-konvenut fl-atti tal-kawża "Caterina Gerada vs Avukat Dottor Antonio Caruana" deċiża min din il-Qorti fit-23 ta' Ġunju, 1958 u, mbagħad mill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-2 u 22 ta' Diċembru 1965; kien fit-12 ta' Ġunju, 1959 ikkostitwixxa ruħu garanti solidali tal-istess Avukat Dottor Antonio Caruana fis-somma ta' ħames mitt lira (£500) għat-tmexxija (kif jingħad testwalment) kif imiss, tal-Appell lill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-*Reġina* mis-sentenzi u degrieti mogħtija mill-*Onorabbli Qorti* tal-Appell fit-2 ta' Ġunju, 1946; 20 ta' Diċembru, 1946; 3 ta' Diċembru, 1954; 25 ta' Ġunju, 1956; 28 ta' Jannar, 1957; 25 ta' *April*, 1958; u fit-23 ta' Ġunju, 1958; u għall-ħlas ta' dawk l-ispejjes kollha illi jkollhom jingħataw lill-appellata fil-kas illi l-appellant ma jaqlax ordni li għalieh il-permess finali li jappella, jew, fil-kas li l-appell jiġi miċħud imħabba li ma jkunx tkompla, jew, fil-każ illi l-Maestà Tagħha r-Reġina tordna lill-appellant iħallas l-ispejjes tal-*Appell*, *skond ma jkun il-kas*, u *cioè għal fininijiet tal*-art. 4 tal-Ordni tal-Kunsill li jirregola l-appelli mill-*Qrati ta'* Malta *lill*-Maestà Tagħha; u peress li barra minn dana l-*istess Dottor Joseph Caruana għall-finijiet tal-Ordni għas*-sospensjoni tal-esekuzzjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-23 ta' Ġunju, 1958 ikkostitwixxa ruħu garanti solidali tal-imsemmi Dottor Antonio Caruana, sas-somma ta' mitejn lira (£200) għall-esekuzzjoni tal-Ordni illi l-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill ikun jidhrilha illi tagħmel fuq daqshekk, u dana għall-finijiet u effetti kollha tal-art. 5 tal-Ordni tal-Kunsill fuq imsemmi; u fit-2 u 22 ta' Diċembru, 1965, l-Avukat Dottor Antonio Caruana ġie kundannat jħallas *lil* Caterina Gerada, attriċi f'din il-kawża għall-ispejjes minnha inkorsi, is-somom rispettivi ta' elf tmienja u *sittin lira*, għaxar xelini u żewġ soldi (£1068.10.2) u ħamsa u erbgħin lira sitt xelini u żewġ soldi (£45.6.2), b'kollox elf mija u

tlettax il-lira, sittax il-xelin u erba soldi (£1113.16.4); billi d-debitur Av. Dottor Antonio Caruana qiegħed jirrifjuta li jħallas u, fil-fatt, għadu ma ħallas l-ebda somma lill-istanti, għaliex jirritieni illi s-sentenza mogħtija mit-Tribunal Suprem tat-2 u 22 ta' Diċembru, 1965, hija nulla u mingħajr ebda *effett; u billi minkejja żewġ sentenzi oħra mogħtija* min dina l-Onorabbli Qorti waħda fis-27 ta' Mejju, u l-oħra fl-1 ta' Lulju, 1966, fuq talba tad-debitur Avukat Dottor Antonio Caruana biex tiġi dikjarata nulla u ineffikaċi s-sentenza tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-2 u 22 ta' *Diċembru*, 1965, u biex jiġu *revokati* s-*sekwestru* esekutiv tat-28 ta' Jannar, 1966, u s-subasta tal-fond Nru. 5, St. *Catherine's Street, Zejtun, li rriġettawlu d-domandi* kollha kemm huma, bl-ispejjes, l-istess debitur baqa' jippersisti u jostina rasu li dawn s-sentenzi kollha ma *kellhom* ebda valur u ma kienux jivvinkolawh bl-ebda mod u, in disprezz manifest għall-Awtorità tal-Onorabbli *Qorti* tal-Appell reġa inoltra domanda oħra quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u *permezz* ta' ċitazzjoni Nru. 437 "Avukat Dottor Antonio Caruana vs Caterina Gerada" reġa' fetaħ attakk mill-ġdid biex is-sekwestru u s-subasta jerġgħu jiġu soapiżi, nonostanti li dina l-Onorabbli Qorti permezz tas-sentenzi fuq ċitati kienet espliċitament irrifjutat dawna s-sospensjonijiet tal-atti esekutivi, liema kawża għadha pendenti u tinsab differita għall-15 ta' Novembru, 1966; u billi l-konvenut garanti solidali tad-debitur, qiegħed ikun ukoll solidali f'dawna l-proċeduri għaliex interpellat b'ittra uffiċjali tat-12 ta' Ottubru, 1966 huwa irrisponda b'ittra uffiċjali oħra tal-15 ta' Ottubru, 1966 *li ma kienx intenzjonat iħallas u b'hekk jonora l-obbligazzjoni* kif minnu assunta; — talbu illi l-konvenut ikun ikkundannat iħallas lill-attriċi *in* basi għall-obbligazzjonijiet minnu assunti a favur tagħha, bħala garanti solidali tad-debitur, iż-żewġ ammonti ta' £500 u ta' £200 fuq indikati; b'dana illi l-ammont li jiġi imħallas mill-konvenut għandu jiġi *ridott*

...id-debitu tad-debitur, bl-imgħax legali min notifika tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Ottubru, 1966, u bl-ispejjes kompriżi dawk tal-istess ittra uffiċjali kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li qal illi l-azzjoni għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu pretiż *mill-atturi* hija ta' attribuzzjoni *tal-Prim'Awla tal-Qorti* Ċivili bħala Qorti ta' l-ewwel grad; il-konvenut m'għandux jiġi ipprivat mill-benefiċċju tad-doppju *eżami*. Għalhekk jitlob li jiġi liberat *mill-*osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjes, salvi, occorrendo eċċezzjonijiet fil-meritu li *jiġu* elevati *fl-istudju* opportun.

*Rat l-atti kollha tal-kawża*, semgħet *it-trattazzjoni* dwar l-*eċċezzjoni preliminari* tal-konvenut, u kkunsidrat —

*Il-garanzija* għall-ispejjes in kwistjoni ġiet imposta minn din il-Qorti u ġiet prestata *mill-*konvenut ukoll fl-atti *ta' din il-Qorti*. Il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas mitluba mill-attriċi, qiegħda *tintalab bħala* parti *mill-*proċess ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenzi mogħtija mill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, liema eżekuzzjoni tidħol ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti bħallikieku dawk is-sentenzi kienu sentenzi tagħha stess. Kif *intqal* fis-sentenza "Amato vs Merewhether" 11 ta' Marzu, 1903 "non è che troppo *naturale* e logico che abbia il *potere di dare* o di non dare *esecuzione ad un atto* l'autorità *medesima che lo avesse esonerato*".

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti t-talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni *hi ta'* kompetenza ta' din il-Qorti.

*Kif ġie ritenut fis-sentenza Vol.* XL I, 807 "*hu veru li* hu deżiderabbli li, kemm *jista'* jkun *kull* kawża ikollha l-

benefiċċju ta' eżami doppju: *imma* din il-konsiderazzjoni għandha iċċedi quddiem il-prinċipju l-ieħor (hawn fuq imsemmi) għax kull Qorti oħra tkun, in forza tiegħu inkompetenti."

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut u tiddikjara ruħha kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża u tordna li titkompla t-trattazzjoni.

Li spejjes għak-kariku tal-konvenut.